**11 ta' Diċembru, 1990**

**Imħallfin: –**

**S.T.O. Prof. Giuseppe Mifsud Bonnici LL.D. – President**
**Onor. Joseph A. Herrera Bl.Can., Lic.Can., LL.D.**
**Onor. Carmelo A. Agius B.A., LL.D.**

Simon Brincat

versus

L-Onorevoli Prim Ministru *et*

**Smigħ Xieraq – Kostituzzjoni – Konvenzjoni Ewropeja – Drittijiet Fundamentali tal-Bniedem – Trattazzjoni – Qorti, quddiem – Danni – Likwidazzjoni ta'**

*Ir-rikorrent kien ġie akkużat quddiem il-Qorti Kriminali tal-Maġistrati b'diversi imputazzjonijiet ta' serq u riċetazzjoni. Wara li nstab ħati huwa appella quddiem il-Qorti ta' l-Appell Kriminali u b'sentenza tagħha dik il-Qorti kkonfermat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati.*

*Peress illi l-istess rikorrent ħass li f'din l-aħħar sentenza d-drittijiet fundamentali tiegħu għal trattazzjoni xierqa ta' l-appell tiegħu ma kinux ġew rispettati mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali huwa ppreżenta rikors.*

*Wara li l-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili ttrattat il-meritu, iddeċidiet ir-rikors u ddikjarat li s-sentenza tal-Qorti ta' l-Appell Kriminali kienet nulla u bla effett peress li r-rikorrent ma kienx ingħata trattazzjoni xierqa kif jippreskrivi l-artikolu 39(1) tal-Kostituzzjoni u l-artikolu 6 ta' l-Ewwel Skeda ta' l-Att XIV ta' l-1987; u*

*konsegwentement reġġhet qiegħdet lir-rikorrent fil-pożizzjoni li kien fiha immedjatament qabel il-pronunzjament tas-sentenza annullata u ddifferiet sine die l-kontinwazzjoni tas-smigħ tar-rikors fuq it-talba tar-rikorrent għal-likwidazzjoni tal-kupens pretiż mir-rikorrent minħabba l-imsemmija nullità si et quatenus.*

*Il-Qorti Kostituzzjonali ċaħdet l-appell u kkonfermat is-sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili.*

Il-Qorti: – Ikkunsidrat:

Ir-rikorrent ġie akkużat quddiem il-Qorti Kriminali tal-Maġistrati b'diversi imputazzjonijiet ta' serq u riċetazzjoni;

Wara li nstab ħati b'sentenza tat-12 ta' Jannar, 1989, huwa appella quddiem l-Onorabbli Qorti ta' l-Appell Kriminali u b'sentenza tagħha tas-26 ta' Ġunju, 1989, dik il-Qorti kkonfermat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati;

Peress illi l-istess rikorrenti Brincat, ħass li f'din l-aħħar sentenza d-drittijiet fundamentali tiegħu għal trattazzjoni xierqa ta' l-appell tiegħu, ma kienux ġew rispettati mill-Onorabbli Qorti ta' l-Appell Kriminali – huwa ppreżenta l-preżenti rikors;

L-Onorabbli Qorti Ċivili, Prim'Awla, fis-16 ta' Marzu, 1990, iddeċidiet xi eċċezzjonijiet preliminari rigward il-leġittimi kontradittur tar-rikors u din il-Qorti Kostituzzjonalli rregolat l-istess punti f'sentenza tagħha tat-30 ta' Mejju, 1990;

Wara li l-Onorabbli Qorti Ċivili, Prim'Awla ttrattat il-meritu, fil-31 ta' Awissu, 1990 iddeċidiet ir-rikors u:

1. iddikjarat illi s-sentenza ta' l-Onorabbli Qorti ta' l-

Appell Kriminali tas-26 ta' Ġunju, 1989 kienet nulla u bla effett peress illi r-rikorrent ma kienx ġie mogħti trattazzjoni xierqa kif jippreskrivi l-artikolu 39(1) tal-Kostituzzjoni u l-artikolu 6 ta' l-ewwel skeda ta' l-Att XIV ta' l-1987 u;

2. konsegwentement, reġgħet qiegħdet lir-rikorrent fil-pożizzjoni li kien fiha immedjatament qabel il-pronunzjament tas-sentenza annullata, u

3. iddefferiet "*sine die*" il-kontinwazzjoni tas-smigħ tar-rikors fuq it-talba tar-rikorrent għal-likwidazzjoni tal-kumpens pretiż mir-rikorrent minħabba l-imsemmija nullità, "*si et quatenus*";

Ir-rikorrent appella minn dik is-sentenza quddiem din il-Qorti għaliex aggravat mill-aħħar parti tas-sentenza fl-Onorabbli Prim'Awla għaliex (a) dik il-Qorti ma setgħet qatt u fl-ebda mod tpoġġih fil-pożizzjoni li kien qabel ma nstema' l-appell tiegħu mis-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati peress illi huwa kien laħaq skonta s-sentenza ta' tliet snin priġunerija kif mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati, u (b) illi "huwa ftit li xejn ridikolu" illi jiġi annullat proċess – li minħabba fih ir-rikorrent serva tliet snin priġunerija u wara terġa' ġġiegħlu jgħaddi proċess fuq l-istess ħaġa quddiem l-istess Qorti, u għalhekk talab li din l-aħħar parti tas-sentenza ta' l-Onorabbli Prim'Awla tal-Qorti Ċivili tiġi annullata u biex l-atti tal-proċess jintbagħtu lura lil dik il-Qorti biex tillikwida l-kumpens li ħaqqu r-rikorrent;

L-intimati appellaw inċidentalment mill-istess sentenza inkwantu dehrilhom illi l-ewwel Onorabbli Qorti ma messhiex sabet illi – r-rikorrent ma kienx ingħata smigħ xieraq mill-Onorabbli

Qorti ta' l-Appell Kriminali għaliex huwa kellu l-opportunità li jittratta bil-miktub l-ilmenti kollha tiegħu dwar is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati, u s-sentenza tal-Qorti ta' l-Appell Kriminali ttrattat dawk il-punti kollha li ġew rilevati bil-miktub minn Brincat. Barra minn dan l-Onorabbli Prim'Awla tal-Qorti Ċivili ma setgħetx tiddifferixxi l-kawża *sine die,* biex jekk u meta Brincat, jirriżulta li sofra verament minn dak li ġara ssirlu likwidazzjoni tad-danni minnu sofferti bil-priġunerija inutli li talvolta huwa jkun sofra. Dan għaliex la fiż-żmien li ġie ppreżentat ir-rikors promotorju u lanqas fiż-żmien tas-sentenza ma kien hemm il-presupposti legali u ta' fatt li jagħtu lok għal tali likwidazzjoni; għalhekk it-talba għall-kumpens kellha jew tiġi miċħuda għaliex ma kienx hemm infrazzjonijiet għad-dritt għal smigħ xieraq jew kienet intempestiva;

Il-Qorti wara li eżaminat il-proċess waslet għal dawn il-konklużjonijiet:

(a) L-Onorabbli Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fis-sentenza li minnha sar dan l-appell, irriteniet illi t-trattazzjoni quddiem l-Onorabbli Qorti ta' l-Appell Kriminali, kienet limitata għall-eċċezzjoni tan-nullità tas-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati – tant illi wara li l-partijiet ippreżentaw noti ta' osservazzjonijiet – l-appell kien ġie ddifferit għas-seduta tas-26 ta' Ġunju, 1989, "Għall-provvedimenti opportun". F'din id-data invece, flok ma ngħata dan il-provvediment ingħatat sentenza li investiet il-kawża kollha, kemm l-eċċezzjoni ta' nullità, kemm l-eċċezzjonijiet (aggravji) fuq il-materji kollha ta' l-ewwel sentenza – inkluża l-ħtija u l-piena;

Dan huwa l-punt li l-intimati donnhom ma jridux

jikkonċedu. L-Onorabbli Prim'Awla fuq daqshekk dehrilha li t-trattazzjoni quddiem il-Qorti ta' l-Appell Kriminali ma kinitx kompita, imma limitata. Ma jfissirx illi quddiem dik il-Qorti ma ssemmewx il-punti u l-aggravji kollha tar-rikorrenti. Dawn issemmew. Imma l-attenzjoni tal-Qorti u tal-partijiet kienet għadha indirizzata lejn parti minn dik it-trattazzjonfi u għalhekk il-provvediment tal-Qorti tas-26 ta' Ġunju, 1989 kellu jkun limitat għal dik il-parti biss u mhux jinbidel f'sentenza li tinvesti t-totalità tal-vertenza f'mod li ġew kompriżi l-punti kollha fil-kawża mingħajr ma Brincat ma kellu l-opportunità li jittrattahom b'mod sħiħ u totali kif għandu d-dritt li jagħmel kull akkużat – qabel ma l-Qorti tippronunzja s-sentenza;

(b) Id-difett rikonstrat mill-ewwel Onorabbli Qorti jolqot biss il-proċedura quddiem l-Onorabbli Qorti ta' l-Appell Kriminali liema difett ma ġiex riskontrat fil-proċeduri kriminali quddiem il-Qorti tal-Maġistrati fejn Brincat, wara proċess normali u regolari ġie misjub ħati u kkundannat skond il-liġi. Għalhekk kienet korretta l-Onorabbli Qorti Ċivili Prim'Awla li b'konsegwenza ta' dak li sabet, annullat il-proċedura u s-sentenza tal-Qorti ta' l-Appell Kriminali u poġġiet lir-rikorrenti fl-istat li kien qabel ma sofra in-nuqqas proċedurali li minnu lmenta b'suċċess. Dan ma jfissirx, u ma setgħax ifisser, kif qed jippretendi Brincat f'dan l-appell, illi b'daqshekk, kien b'xi mod intakkat jew inkwinat il-proċediment u s-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati; – li minnha, bis-saħħa tas-sentenza appellata u ta' din is-sentenza konfermatorja, huwa se jusufruwixxi biex l-appell tiegħu quddiem l-Onorabbli Qorti ta' l-Appell Kriminali jerġa' jinstema' biex huwa jkollu l-opportunità li f'dik il-Qorti jingħata smigħ xieraq kif trid il-liġi;

(ċ) Din il-Qorti ma tarax b'ebda mod xi aspett ta'

ridikolagni f'dan kollu. Anzi taħseb illi l-pretensjoni tar-rikorrenti li għaliex kien hemm difett proċedurali fit-trattazzjoni ta' l-appell allura b'xi mod għandu jsegwi li dak li sar fil-Qorti tal-Maġistrati u sentenza ta' dik il-Qorti, għandhom jiġu kkonsiderati daqstant ieħor difettużi – m'għandux żgur il-meritu tal-loġiċità ġuridika;

(d) Huwa minnu – li r-rikorrent aġixxa prematurament (u għalhekk intempestivament) meta fil-mori tat-trattazzjoni tar-rikors – ċjoè fit-23 ta' Awissu, 1990 – talab li jiżdiedu, fl-aħħar paragrafu tar-rikors il-kliem "u l-Qorti jogħġobha tillikwida l-kumpens xieraq lir-rikorrenti għaż-żmien li huwa għamel il-ħabs" – kif qalu **issa** fir-risposta tagħhom l-intimati – però dak inhar li din l-aġġunta ntalbet u ngħatat – huma ddikjaraw li **ma jopponux għaliha** purchè jinġiebu provi sodisfaċenti tad-danni pretiżi. Għalhekk l-oppożizzjoni tagħhom f'dan l-aħħar stadju tal-proċediment, u **wara** s-sentenza ta' l-ewwel Onorabbli Qorti, mhix attendibbli;

*Dal resto,* dik il-Qorti se tikkonsidra dik it-talba intempestiva – **jekk u meta,** r-rikorrent, wara li jiġi ttrattat l-appell tiegħu mis-setnenza ta' ħtija li biha ġie kolpit mill-Qorti tal-Maġistrati tat-12 ta' Jannar, 1989, jirriżulta li sofra dik il-kundanna inġustament u mhux altrimenti u ċjoè mhux bħala konsegwenza diretta tan-nuqqas ta' trattazzjoni xierqa quddiem l-Onorabbli Qorti ta' l-Appell Kriminali;

Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti tiċħad l-appell prinċipali tar-rikorrent kif ukoll l-appell inċidentali ta' l-intimati u tikkonferma s-sentenza ta' l-Onorabbli Prim'Awla tal-Qorti Ċivili tal-31 ta' Awissu, 1990;

L-ispejjeż, ġà deċiżi, jibqgħu indisturbati, waqt li dawk ta' dawn l-appelli, kemm il-prinċipali kif ukoll l-inċidentali, jibqgħu bla taxxa.